HAL BALZAN

IR-RABA' SENA NRU. 20 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — NOVEMBRU/DIĊEMBRU 1974

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN (20)

IL-KNISJA PARROKKJALI (8)

MINN DUN ĠWANN DIMECH

IS-SAGRISTIJA L-ĠDIDA

Kif mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mons. David Cocco Palmieri tal-20 ta' Settembru 1699 sirna nafu li kien inbeda x-xogħol tal-bini tas-sagristija l-qadima, hekk ukoll minn Viżta Pastorali oħra ta' l-Isqof Gaspar Gori Mancini tas-16 ta' Mejju 1723 sirna nafu wkoll li nbniet sagristija oħra. Tant hu hekk li naqraw: "fuq in-naħa tal-lemin tal-Kor, ġiet mibnija sagristija oħra". (1)

Bosta mit-tagħrif dwar din is-sagristija nsibuh fir-reġistri tal-kontijiet li qegħdin fl-Arkivju Parrokkjali.


L-ewwel tagħrif insibuh f'wieħed mir-reġistri minn fejn sirna nafu li biex setgħet tinbena din is-sagristija kellha qabel xejn tinxtara ġiebja li kienet tmiss mal-Knisja Parrokkjali. Naqraw li: "F'Jannar tal-1716 il-Prokuraturi tal-bini tal-Knisja Parrokkjali Dun Marju Tonna u Gio Batta Hagius ħallsu lil Gio Paolo (kunjomu mhux imniżżel) 26 tarì għal ġiebja fejn ser tinbena s-sagristija l-ġdida u għal parti mit-triq li għadha kemm saret". (2)

Il-pjanta ta' din is-sagristija saret minn Mastru Salv mis-Siġġiewi li ħa ħsieb ukoll tal-bini tagħha, u ta' dan f'Diċembru tal-1723 irċieva 2 skudi 4 tarì 10 grani. (3)

Fost dawk li ħadmu fil-bini ta' din is-sagristija nsibu lil Franġisku Micallef, lil Indri Gauci, lil Pawlu Zammit, u t-tifel ta' Mastru Salv tas-Siġġiewi. (4)

Din is-sagristija hi ta' għamla rettangolari: 24 pied b'16-il pied. Żewġ twieqi kbar jagħtu d-dawl lil din is-sagristija; l-injam tagħhom ħadmu l-mastrudaxxa Mastru Franġisk Borg minn Birkirkara, u l-ewwel ħġieġ tagħhom inxtara minn għand Karlu Delicata.

F'Settembru tal-1725 il-prokuraturi tal-Knisja ħallsu lil Ġużeppi Sant għall-ġebel li ntuża fil-bini tas-sagristija. Ħamsa u għoxrin skud u seba' tarì tħallsu għad-deffun, għall-ġir, għall-ikel u ġobon u nbid, u għax-xogħol tal-ballata tal-bejt tas-sagristija.



L-ARLOĠĠ TAT-TOROK

li jinsab fis-Sagristija tal-Knisja. Dan l-arloġġ, li jingħad li hu kopja ta' l-Arloġġ ta' Pinto li hemm il-Palazz il-Belt, jimmarka l-ħin, il-jiem, ix-xhur, l-istaġuni, il-fażijiet tal-qamar u s-sinjali żodjoċi.

Għad li l-Isqof Mons. Alpheran, fil-Viżta Pastorali tal-1729, isemmi lil din is-Sagristija, fil-Viżta ta' wara din, f'dik ta' l-1 ta' Mejju 1736, igħidilna li din is-Sagristija għandha żewġ bibien: wieħed li jagħti għall-Kor u l-ieħor għall-Knisja. (5)

Din is-sagristija fiha erba' bibien. Wieħed jagħti għal barra, li qam 10 skudi u 8 tarì u li s-serratura tiegħu qamet 2 tarì, bieb ieħor jagħti għall-Knisja fil-Kappellun tal-Kurċifiss, l-ieħor għall-Kor, u l-ieħor għall-Oratorju. Il-ħitan huma lixxi, iżda f'wieħed minnhom hemm loġġa bil-balavostri li minn kamra ta' fuq l-oratorju tagħti għal ġos-sagristija. Taħt din il-loġġa hemm kwadru taż-żwieġ mistiku ta' Santa Katerina li hu mdawwar minn skultura sabiħa ħafna li n-naħa ta' fuq tintemm b'kuruna miżmuma minn żewġ anġli.

Nistgħu bir-raġun kollu ngħidu li x-xogħol ta' din is-sagristija kien lest f'Mejju tal-1726 meta Mastru Salv tas-Siġġiewi kkunsinna ċ-ċavetta lill-prokuraturi tal-Knisja kif nafu mir-reġistru tal-"Introiti ed Esiti Ven. Lampada C. Balsano 1716-1749". (6)

Fil-Viżta Pastorali tal-21 ta' Settembru 1745 ta' l-Isqof Alpheran, insibu msemmi l-bankun. Igħidilna li dan il-bankun hu magħmul ta' l-injam elaborat ħafna li fuqu jiġu ppreparati l-ħwejjeġ tal-qassisin għall-Quddies. Igħidilna wkoll li dan il-bankun kien mgħotti bi tvalja tal-ġilda sewda. (7)

Tliet ħitan ta' din is-sagristija huma miksija minn għadd ta' kaxxarizzi ta' l-injam ta' l-aħmar li saru fis-sena 1747 (8). Dawn il-kaxxarizzi huma wżati biex il-qassisin iżommu l-abiti u l-oġġetti sagri tagħhom u fl-armadji l-oħra jintrefgħu d-damask, il-fjuretti u ħwejjeġ sagri oħra. Minn armadju minnhom tidħol fl-imramma tal-ħajt doblu u hemm jintrefa' l-inbid tal-quddiesa. Il-bankun fin-nofs tas-sagristija llum, barra milli jintrefgħu fih l-istendardi u pjaneti ta' valur kbir u apparati tal-festi prinċipali, jintuża ta' kuljum fejn jilbsu u jinżgħu l-qassisin għall-Quddiesa.

Ma' ħajt minnhom insibu kwadru tal-pittura li fih ix-xbiha tal-Protonotarju Apostoliku, Dun Dumink Debono. Mal-ħitan l-oħra hemm kwadri żgħar, fosthom abbozzi tal-Professur Emvin Cremona tal-pittura li għamel fil-Kor.

L-aktar ħaġa li tolqtok f'din is-sagristija huwa l-arloġġ li jingħad li hu kopja ta' l-arloġġ li kien għamel il-Gran Mastru Pinto għall-Palazz Maġistrali tal-Belt. Dan l-arloġġ, barra milli jimmarka l-ħin, juri l-erba' staġuni tas-sena, ix-xhur, is-sinjali żodjaċi u wkoll il-kostellazzjoni u l-fażijiet differenti tal-qamar. Jimmarka wkoll il-ġranet. Dan l-arloġġ idoqq kull kwarta u l-aktar ħaġa li tolqtok hija l-parti ta' fuq fejn hemm ħames Torok (Mori) li ta' kull kwarta jidhru jiċċaqalqu u b'mazza f'idhom idoqqu l-ħin fuq tlett iqniepen.

L-ORATORJU

Mis-sagristija tidħol għal ġo l-Oratorju, u dan jikkonsisti f'kamra żgħira rettangulari ta' tnax-il pied tul b'sitt piedi u seba' pulzieri wisgħa.

L-ewwel ma nsibu lil dan l-Oratorju msemmi kien fl-1736. Fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mons. Paulus Alpheran De Bussan tal-1 ta' Mejju 1736, naqraw li: "Ħdejn is-sagristija hemm Oratorju maqtugħ għalih fejn il-qassisin iħejju ruħhom għall-Quddiesa". (9)

Fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali tal-21 ta' Settembru 1745 ta' l-istess Isqof, insibu li: "Peress li l-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof ra li l-imsemmi Oratorju ma kellux inġenokkjatur fejn fuqu joqogħdu għarkubbtejhom il-qassisin, ħeġġeġ lill-Kappillan Dun Marju Tonna u lill-Kleru biex jaħsbu jagħmlu wieħed." (10)

Mill-istess Viżta, nafu li l-qassisin Dun Pawl Publiju Mifsud, Dun Pietru Pawl Gatt, Dun Ġużepp Borg, Dun Girgor Muscat, Dun Ġan Patist Schembri, Dun Ġużeppi Marija Schembri, Dun Marju Muscat, Dun Ġan Patist Zarb, Dun Mikiel Micallef u Dun Ġan Indri' Magri, ħarġu bejniethom disa' skudi u dak li kien jonqos ħarġithom il-Veneranda Lampada.

TITLIFHOMX!

Kors ta' Laqgħat għal Kulħadd fil-Kunvent tal-Bon Pastur

Kull nhar ta' Ħadd fis-7.00 p.m.

Jitkellmu membri tal-M. U. S. E. U. M.

F'dan l-Oratorju sal-1953 kien hemm altar li xi drabi xi qassisin anzjani kienu jqaddsu fuqu. Illum dan l-artal jinsab fil-kamra ta' fuq li hemm fuq is-sagristija l-qadima. F'dan l-Oratorju kien hemm ukoll lavabo, fejn il-qassisin jaħslu jdejhom qabel u wara l-Quddiesa, li kien sar f'Ġunju tal-1743 u li qam 5 skudi, 2 tarì u 3 grani.

Fl-1953, il-lavabo ta' l-irħam griż skur li fih ix-xbieha tal-Kunċizzjoni ta' l-irħam abjad ġie msebbaħ minn prospettiva ta' pilastri u xogħlijiet ta' skultura fil-ġebla Maltija li ġew iddisinjati u maħdumin mill-Balzani l-Kanonku Dun Spir Sammut.

Fuq l-Oratorju nsibu żewġ kmamar żgħar oħra li fihom jintrefgħu xi oġġetti tal-Knisja. Fil-kamra ta' fuq, li fiha dik il-loġġa li ġa semmejt li tagħti għal ġos-Sagristija, insibu l-Arkivju Parrokkjali.

REFERENZI:

1. GORI MANCINI G.: Visit. Past. fol 385 Ark. Arċiv.
2. Arkivju Parrokkjali: Lib. 56. P. 70.
3. Ibid.
4. Ibid.
5. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Visit. Past. fol. 330 Ark. Arċiv.
6. Arkivju Parrokjali: Lib. 56.
7. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Visit. Past. fol. 323 Ark. Arċiv.
8. Arkivju Parrokkjali: Lib. 56.
9. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Op. Cit. fol. 330 Ark. Arċiv.
10. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Visit. Past. fol. 323 Ark. Arċiv.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —

SAQQIJIET

IMHADED

CUSHIONS U AFFARIJIET

OHRA TAL-FOAM

IRRIKORRU:

VITAFOAM MALTA LIMITED

INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)

Telephone: 36275/76

VALLEY BUTCHER

JOHN PULLICINO

FOR FIRST CLASS MEAT AND SERVICE

121, VALLEY ROAD, BALZAN

Telephone: 42066

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-

KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel',
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

Editorjal:

★ DAWK LI ĦALLEWNA

Novembru u Diċembru, l-aħħar xahrejn tas-sena, iġibu magħhom it-tifkiriet li jgħaddi kemm igħaddi żmien ma jintesew qatt għaliex jinsabu minquxa fil-fond ta' qalbna — it-tifkira ta' dawk li ħallewna, u t-tifkira l-oħra iżjed hienja tal-Milied imqaddes.

Mat-tokki tal-qniepen newwieħa u mal-fanali mixgħula fuq l-oqbra kiesħa taċ-ċimiterji tagħna, ma jistgħux ma jiġux f'moħħna dawk l-għeżież li darba kienu magħna u llum m'għadhomx iżjed. Forsi huma missierna u ommna, forsi ħutna jew il-qraba tagħna, forsi xi ħabib li miegħu qsamna l-ferħ jew in-niket tagħna. Imma barra dawn hemm oħrajn li għalkemm forsi ma jiġux minna u qatt ma rajniehom, għax għexu ħafna snin qabilna, b'danakollu aħna għandna għax nafuhulhom għaliex ħallewlna wirt li llum aħna nifirħu u niftaħru bih. Fost dawn il-ħafna bnedmin kbar, li isimhom x'aktarx intesa għax qatt ma tniżżel fl-istorja, hemm ħafna Maltin u minnhom terġa' hemm ħafna Balzanin.

Huma n-nies li bnewlna l-knisja parrokkjali u li taw ġidhom biex isebbħuha, huma n-nies li wrew twemminhom billi sa minn kmieni qiegħdu 'l Ħal Balzan taħt l-ħarsien ta' l-Annunzjata, huma n-nies li kellhom għal qalbhom il-festa tar-raħal u d-drawwiet u t-tradizzjonijiet li hemm marbuta magħha, huma n-nies li għamlu isem tajjeb lil Ħal Balzan billi żammewh kwiet u nadif, raħal li jiġbdek. Dawn in-nies, bla dubju ta' xejn, jistħoqqilhom li niftakru fihom, għax kienu huma li bdew dak li aħna llum qegħdin nissoktaw naħdmu għalih — li nkabbru l-isem sabiħ li dejjem kellu r-raħal tagħna fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija.

★ MILIED MALTI

Novembru, u warajh Diċembru. Wieħed ix-xahar tal-mejtin, l-ieħor ix-xahar tal-ħajjin, ix-xahar li fih il-ħajjin kollha jifirħu u għal mument jinsew id-differenzi ta' bejniethom u jingħaqdu flimkien biex jiċċelebraw l-ikbar ġrajja li qatt seħħet fl-istorja ta' l-umanità: il-miġja fid-dinja ta' l-Iben t'Alla.

Il-Milied huwa festa kbira li żgur qatt mhu se jiġi żmien li tispiċċa u tintilef. Imma dak li jista' jispiċċa u jintilef, u forsi dan ġa beda jiġri f'Malta, huwa t-tifsira nisranija tal-festa tal-Milied. Tkun tabilħaqq ħasra li kellu dan jiġri u nħallu l-influwenza tal-barranin tidħlilna hekk li tħassrilna dak li hu proprju tagħna, dak li jagħmilna Maltin, u Maltin Insara. Hawn tiġina f'moħħna l-poeżija ħelwa tal-poeta Malti Charles Coleiro, is-sunett 'Milied Malti', li turina tant tajjeb kif għandu jkun il-Milied Malti, Milied li għandu jirrifletti d-drawwiet sbieħ tagħna ta' poplu nisrani —

Ersaq Milied qaddis fuq Malta tagħna,
bil-ferħ u l-hena li wellidt fl-istalla;
Ibdel il-mard u l-hemm f'uċuħ ferħana
u ixħet fuq dil-Gżira l-barka t'Alla.

Erġa' Bambin Ġesù, sib il-maxtura,
f'kull dar li għandna xerred fuqha l-milja
tal-grazzji li teħtieġ, fil-qlub mostura
ta' l-imnikktin, fl-ulied ta' kull familja.

Ejja bħal dari mdawwar bil-ġulbiena,
bil-kant taċ-ċkejkna, il-priedki sbieħ tat-tifel,
bil-kagħ'k tal-għasel u lejliet fiddiena
ta' qamar jidħak u presepju jixgħel.

Nibqgħu Maltin, nifirħu bil-Bambin,
niċħdu d-drawwiet kesħin tal-barranin.

THE BOOKWORM
NAXXAR ROAD, B'KARA
Telephone: 45269

BOOKSELLERS
STATIONERS
NEWSAGENTS
EDUCATIONAL TOYS

KONT TAF LI...

* *L-ewwel presepju tal-Milied sar minn San Franġisk t'Assisi fis-sena 1223.*

* *Il-purċissjoni bil-Bambin tal-Milied bdiet issir għall-ħabta tal-1921 mill-membri tal-MUSEUM.*

* *L-ewwel kartolina tal-Milied dehret fl-Ingilterra fl-1846.*

* *Id-drawwa tas-Siġra tal-Milied bdiet fil-Ġermanja.*

* *Id-drawwa tal-priedka tat-tifel fil-lejl tal-Milied insibuha f'Malta biss.*

Il-bieb li xi darba jew oħra 'koll għad irridu ngħaddu minnu kif diġa' għaddew ħafna min-nies ta' qabilna. Iċ-ċimiterju ta' Ħal Balzan, li jinsab fit-Triq tal-Wied, iżuruh ħafna Balzanin tul ix-xahar ta' Novembru biex jitolbu għal qrabathom li jinsabu midfuna hemm.

ITTRI LILL-EDITUR:

IL-KWADRU TITULARI L-ANTIK

Għażiż Editur,

Jiena nieħu gost wisq b'dawk il-qassisin li jieħdu nteress fl-istorja tal-parroċċa tagħhom u li jaħdmu wkoll biex ifittxu fil-kotba tal-knisja u l-viżti ta' l-isqfijiet u dokumenti oħra, u jippubblikaw xi ħaġa.

Minn dawn il-qassisin illum għandna għadd ġmielu, fosthom żgħażagħ li ġew imħajra u mħarrġa wkoll taħt il-ħarsien tal-ħabrieki Prof. Dun Vinċenz Borg; iżda jiena l-aktar li naf fosthom huwa lil Dun Ġwann Dimech, Kappillan ta' l-Ordni ta' Malta, li għandu f'idejh il-kitba ta' l-Istorja ta' Ħal Balzan, u s'issa mexa u ppubblika biċċa sewwa fuq il-gazzetta ta' l-istess parroċċa.

Fl-aħħar ħarġa, ta' Settembru-Ottubru 1974, huwa semma l-kwadru titulari antik li hemm fis-saqaf tas-sagristija l-qadima, u qal sewwa ħafna li hu ta' siwi artistiku iżda ma sabx isem min għamlu jew meta sar.

Għalhekk, jiena li ilni nammira dan il-kwadru u nqabblu ma' xi xogħol ieħor nissogra nagħti l-fehma tiegħi, u ngħid li dan huwa xogħol ta' Karlu Zimech jew Dimech li għandu bosta pittura oħra kemm f'Malta u kemm f'Għawdex. Dan għex fis-seklu 18, iżda ftit li xejn nafu dwaru.

Dan xtaqt ngħarrafulek biex nurik kemm napprezza x-xogħol tal-magħruf kittieb (Dun Ġwann Dimech) li forsi għad jasal ukoll li jikkonferma l-attribuzzjoni tiegħi b'xi dokument li forsi jiltaqa' miegħu.

Ħal Tarxien.

R. Bonnici Cali'.

"YOUTH WEEK"

AZZJONI KATTOLIKA XEBBIET

Bil-għajnuna t'Alla, ix-xebbiet ta' l-Azzjoni Kattolika ta' Ħal Balzan din s-sena wkoll organizzaw il-'Youth Week'. Din kienet tikkonsisti fi programm varjat ta' natura spiritwali u anke kulturali. Din il-ġimgħa kienet mit-23 sas-27 ta' Settembru.

Matul il-ġimgħa saret wirjaapprezzata ħafna. tax-xogħlijiet li l-membri ħadmu matul is-sajf fil-ħin liberu tagħhom. Kien hemm oġġetti tas-suf, tal-ħjata, vażetti u fliexken iddekorati, inkwatri ppitturati, u sett żwiemel tal-ħbula. Numru sabiħ ta' nies żaru l-wirja u l-attendenza tagħhom kienet

Bħas-snin l-oħra, ma nsejniex inżuru l-istituti tat-tfal u tax-xjuħ. Din is-sena kien imiss lit-tfal tal-Creche ta' Guardamangia u lil Casa San Pietro Ħal Lija. Hemmhekk ix-xjuħ apprezzaw ħafna ż-żjara tagħna u xtaquna nżuruhom ta' spiss biex infarrġuhom fid-dwejjaq tagħhom.

Komplejna din il-ġimgħa bi żjara kulturali lill-fabbriki tas-Seven-Up, tal-Canada Dry, u dik ta' l-Atlas Footwear. Hawnhekk ġejna mdawra ġentilment mill-proprjetarji u rregalawlna souvenir bħala tifkira.

Nirringrazzjaw lill-Madre Superjura tas-sorijiet tal-Bon Pastur li ġentilment silfitna l-kappella tagħhom u b'hekk stajna ningabru flimkien biex nagħmlu rtir li kien ippriedkat minn Dun Ġwann Dimech.

Spiċċajna din il-ġimgħa billi l-membri u l-ġenituri tagħhom ingbarna madwar l-artal ta' l-istess kappella fejn ġiet iċċelebrata l-quddiesa mill-Assistent Ekkleżjastiku Dun Ġużepp Zammit. Il-membri kollha ħadu sehem attiv fiha billi qraw l-epistola u t-talba tal-fidili, u anke daqqew il-kitarri fl-innijiet.

Nirringrazzjaw minn qalbna lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor tawna l-għajnuna tagħhom biex setgħet tirnexxi din il-ġimgħa, u li żgur tiswa ta' inkoraġġiment lill-membri biex nissuktaw b'din il-ħidma tagħna.

M. Grech
Presidente.

ŻOMMU ĦAL BALZAN NADIF

"SURVEY"

M.U.S.E.U.M. SUBIEN

Fix-xhur tas-sajf li għadda, il-membri tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. Fergħa Subien tal-Parroċċa għamlu 'Survey' ma' Ħal Balzan kollu sabiex jaraw sew il-għadd tat-tfal subien u żgħażagħ li hawn fil-Parroċċa u kemm minnhom mhumiex jattendu għat-tagħlim tad-duttrina. Il-Kappillan għen ħafna f'dan is-'Survey' billi ta ħafna mit-tagħrif meħtieġ mir-reġistri parrokkjali. Il-membri tal-M.U.S.E.U.M. imbagħad żaru xi familji oħra ġodda fid-djar tagħhom stess.

Minn dan is-'Survey' deher li 192, bejn tfal u żgħażagħ, mhumiex jattendu għat-tagħlim tad-duttrina. Minnhom, 30 huma tfal bejn l-10 u t-12-il sena, 36 bejn it-12 u l-14-il sena, 38 bejn l-14 u s-16-il sena, u 88 huma żgħażagħ ta' 'l fuq minn 16-il sena. Il-membri issa qegħdin jaraw u jistudjaw x'jista' jsir biex dawn it-tfal u żgħażagħ jintlaħqu permezz tat-tagħlim tad-duttrina.

Membru.

STARLETS
284, HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,
NEWSPAPERS AND CIGARETTES
Telephone: 41644

ĦSIEB SPIRITWALI:

EŻAMI TA' L-AĦĦAR

Ix-xahar ta' Novembru jfakkarna, aktar minn xhur oħra, fid-dmir li għandna li niftakru fil-mejtin tagħna (qraba, ħbieb u oħrajn) li ħallewna biex għaddew għall-ħajja bla tmiem. Kulħadd iħossu dan id-dmir, u nistgħu ngħidu li kważi kulħadd jaqdih, min b'mod u min b'ieħor. Inżuru ċ-ċimiterji, noffru jew nisimgħu quddies u nitqarbnu għalihom, nagħmlu talb ieħor, isiru suffraġji minn Knejjes u Għaqdiet, reliġjużi u mhumiex, għal dawk li kienu sħab tagħhom fil-ħajja. Dan kollu huwa "sewwa u xieraq", għaliex huma, il-mejtin, ma jistgħux iqassru ż-żmien li jridu jgħaddu fil-Purgatorju biex jissaffew mill-piena taż-żmien li jkollhom bħala dejn mal-Ħallieq tagħhom meta jagħlqilhom iż-żmien tal-ħajja. Irridu nkunu aħna, u aħna biss, li, imqanqlin mill-imħabba li tgħaqqadna magħhom, bit-talb u s-suffraġji tagħna nħaffu l-mument li fih ikun jisthoqqilhom li jmorru jgawdu lill-Mulej fil-ġenna.

Iżda Novembru għandu jġibilna wkoll quddiem għajnejna ħsieb ieħor ta' ġid għalina li għadna hawn. Anke għalina għad irid jasal, u jista' jkun ukoll li ma jdumx ħafna, il-waqt li nagħlqu għajnejna għad-dinja. Sakemm jasal dak il-waqt ix-xlief f'idejna, aħna liberi li nfasslu ħajjitna kif irridu, minna jiddependi kemm ngħixu skond ir-rieda ta' Alla, imfissra fil-kmandamenti u limitata mid-dmirijiet ta' l-istat tagħna. Mal-mument ta' mewtna jagħlaq iż-żmien ta' l-istudju, u jsir l-eżami ta' l-aħħar mingħajr ċans ta' prova oħra, ta' eżami ieħor, li nistgħu nsejħulu riparatorju. Dan ikun eżami li minnu jiddependi fejn ngħaddu l-eternita' tagħna. U għalhekk tidher ċar il-ħtieġa ta' ħajja tajba fuq din l-art.

Xi wħud illum forsi jidħku meta jaqraw dak li għidt sa issa, għaliex jaħsbu li jistgħu jemmnu biss dak li jaqblilhom, waqt li jdawru jew igħawġu kif jogħġobhom dak li ma jdoqqx għal widnejhom. Imma t-tagħlim tal-Knisja hu dak li għidna aktar 'il fuq, u huwa bbażat fuq il-kelma ta' Alla, miġbura fil-kotba ta' l-Iskrittura u fuq it-tradizzjoni kattolika.

Mill-bqija, kulħadd affari tiegħu. Imma Novembru jmissu, minbarra li jfakkarna fil-mejtin, iċaqlaq daqsxejn lil-na l-ħajjin.

Il-Kappillan

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Nifirħu bil-membri ġodda tal-Parroċċa li saru ħutna fi Kristu bil-Magħmudija:

David Aquilina, bin Carmel u Josephine, fil-20 ta' Lulju.
Philippe Gatt, bin Stephen u Georgette, fis-7 ta' Awwissu.
Andrew Grech, bin Joseph u Marcelle, fil-11 ta' Awwissu.
David Borg Cardona, bin Colin u Carmen, fit-12 ta' Awwissu.
Bridget Axiaq, bint Alfred u Jane, fil-15 ta' Awwissu.
Eric Abela, bin Nicola u Rita, fis-27 ta' Awwissu.
Mark Vella, bin Spiridione u Mary, fit-28 ta' Awwissu.
M. Assunta Muscat, bint Francis X. u Mary, fl-1 ta' Settembru.
Tanya Scicluna, bint Lawrence u Mary, fl-1 ta' Settembru.
Robert Debono, bin Joseph u Evelyn, fit-3 ta' Settembru.
Eliża Zarb, bint George u Antonia, fil-10 ta' Settembru.
Mary-Grace Vella, bint Spiridione u Mary, fil-15 ta' Settembru
Jason Micallef, bin John u Carmela, fid-19 ta' Settembru.
Jonathan Calleja, bin John M. u Mary, fis-26 ta' Settembru.
Daphne Smith, bint Joseph u Maudie, fit-30 ta' Settembru.
Moira Sammut, bint Bertie u Mary Grace, fil-5 ta' Ottubru.
David-Charles Pirotta, bin Charles u Carmen, fit-8 ta' Ottubru.
Nicole Cilia, bint Edwin u Thelma, fl-14 ta' Ottubru.
Lorenzo Gatt, bin Emmanuel u Mary, fl-14 ta' Ottubru.

Nilqgħu fostna lil dawn l-familja ġodda tal-Parroċċa tagħna:

Pancrazio Cutajar u Carmen Caruana, fil-31 ta' Awwissu.
Anthony Myatt u Antoinette Borg, fis-7 ta' Settembru.
Joseph Briffa u Marlene La Ferla, fl-14 ta' Settembru.
Joseph Saliba u Mary Vella, fis-26 ta' Settembru.
Joseph Agius u Maureen-Elizabeth Fitzgerald, fit-28 ta' Settembru.

Nitolbu għal ħutna li għaddew għall-ħajja ta' bla tmiem:

Antonio Ebejer, fid-19 ta' Awwissu.
Luigi Micallef, fid-9 ta' Settembru.
Antonio Calleja, fit-12 ta' Settembru.
Paul Lanzon, fl-14 ta' Settembru.
Sister Antonia Farrugia, tal-Bon Pastur fis-26 ta' Settembru.
Maria Muscat, fl-4 ta' Ottubru.
Rudolph Stellini, fit-22 ta' Ottubru.

FOR
WHITER
WASH
SPEL

IL-FOLKLOR FIL-MEDIĊINA (2)

minn Dr. Robert Farrugia Randon

Il-folklor fil-mediċina mhux xi ħaġa tal-passat imma għadu jeżisti sal-lum f'ċerti rħula iktar minn oħra.

Hemm ħafna eżempji ta' folklore fil-mediċina. Meta kont noqgħod il-Qrendi għadni niftakar lil missieri, li kien it-tabib tad-distrett, jirrakkonta kif xi ftit mill-pazjenti kienu jemmnu li jekk tifel ikollu ħafna deni l-aħjar rimedju kien li toqtol fenek u tpoġġi l-imsaren tal-fenek fuq żaqq il-marid. Hemm min għad-deni jagħmel patata fuq il-moħħ. Hemm min jemmen li l-ilma ta' ċerti ħxejjex huwa tajjeb kontra d-deni. Il-bajtar tax-xewk kien jintrefa' wkoll kontra d-deni.

Għan-nefħa, speċjalment tas-saqajn, kien jintuża ħafna l-weraq ta' ċerti siġar. Għall-uġigħ ta' ras ir-rimedju wkoll kien il-patata fuq il-moħħ. Il-ħall għadu jintuża sal-lum għall-uġigħ ta' ras. Ċerti nisa wara li jwelldu kienu jħallu s-sekonda fix-xita u wara jidfnuha fil-ħamrija. B'hekk kienu jemmnu li t-tarbija kienet tiġi meħlusa minn mard tal-ġilda. Ftit min-nisa li ma jkunux iridu jreddgħu t-tarbija kienu jidilku sidirhom b'sustanza li tittieħed minn ċerta siġra, u billi din tkun morra t-tifel kien bil-mod il-mod jistmerr sider ommu. Biex jinġibed il-ħalib minn sider l-omm kien hemm min kien juża kelb żgħir.

Għat-tifwiq kienet tiġi wżata taħlita tar-rand. Tfal bil-ħożba kienu jlibbsuhom l-aħmar sabiex joħroġ ir-raxx. Min kien jingidem minn żunżan kienu jħokkulu malajr biċċa basla fejn ikun ġie migdum. Għas-sogħla għadhom sal-lum ċerti nies jużaw il-ġulepp tal-ħarrub. It-tuffieħ mgħolli kien jintuża kontra l-mard tat-tunsilli. Iż-żerriegħa tal-qargħa ħamra kienet tintuża kontra l-ħniex. Għall-uġigħ ta' żaqq, ikun xi jkun u jkun ġej minn fejn ikun, il-gamomilla kienet tagħmel tajjeb. Kontra l-felul kien jintuża l-ħalib li joħroġ meta tinqasam fergħa tat-tin. Il-ħżieża tal-ħalq, li jbatu minna ħafna t-tfal, kienet tiġi kkurata bl-urina ta' l-istess pazjent. Il-gidma taż-żunżan kienet instabet tajba kontra r-rewmatiżmu.

Xi wħud minn dan it-twemmin li semmejt wieħed għadu jista' jiltaqa' miegħu anke llum, imma bil-progress li qiegħed isir fil-mediċina n-nies qiegħda tinduna bil-mod il-mod li m'għadx hemm post għal dan it-twemmin, u li l-Aspro hija ferm aħjar għall-uġigħ ta' ras milli l-patata fuq il-moħħ.

Nota: L-ewwel parti ta' dan l-artiklu kienet dehret fil-ħarġa ta' Jannar/Frar 1974.

ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Niftakar darba fi żmien il-Milied għaddejt minn ħdejn ħanut fil-Belt li kien mimli 'toys' u kull xorta ta' logħob li jferrħu t-tfal. Kien fgat bin-nies; kulħadd b'xi tifel jew tnejn miegħu jagħżlu dak li l-aktar jogħġobhom. Fost dawk in-nies kollha rajt wieħed sinjur li lit-tifel tiegħu mlielu basket sħiħ bit-'toys' tant li meta ġie biex joħroġ barra t-tifel qallu: "Papa' żommu ftit int il-basket daqskemm huma tqal dawn it-'toys'!"

Ħdejn dan il-ħanut, iħarsu lejn il-vetrini sbieħ, kien hemm omm b'xi erbat itfal, tnejn minnhom ħafjin, li x'ħin raw lil dan it-tifel ħiereġ mgħobbi bit-'toys' ħarsu lejn ommhom u qalulha: "Ma ixtrilna xi ħaġa!" "Dawk ma jgħoddux għalina wliedi, ejjew ħa mmorru!" weġbithom malajr ommhom, u fil-waqt li ġebbdithom minn idejhom baqgħet sejra b'qalbha maqsuma.

Għeżież tfal, reġa' riesaq ġmielu ż-żmien sabiħ tal-Milied Imqaddes. Dan hu żmien li fih kważi d-dinja kollha tħoss il-ferħ li jġib miegħu t-twelid ta' Ġesu' Bambin. Iżda dan ma jfissirx li f'dan iż-żmien ta' ferħ ma jkunx hemm ukoll uħud li forsi jkunu inqas ixxurtjati minna u li għalihom il-festa tal-Milied ma tfisser xejn speċjali mis-soltu. Ma jsibu lil ħadd iferraħhom b'xi ħaġa bħalma jifirħu miljuni ta' tfal oħra fid-dinja kollha.

Tfal bħal dawn jinsabu wkoll f'pajjiżna u għalkemm m'humiex ħafna iżda spiss niltaqgħu magħhom. Kien il-ħsieb tiegħi għalhekk li f'dan il-Milied Imqaddes inħeġġiġkom biex bħalma kien jagħmel Ġesu' tagħmlu intom ukoll. Ġesu' dejjem fittex li jagħmel ferħana lill-oħrajn, u hekk ukoll għandkom tagħmlu intom. Ma' tfal fil-bżonn tiltaqgħu spiss fl-iskejjel tagħkom; min forsi nesa l-lapes jew ir-riga, min ma ħax ħobż miegħu, jew min xtaq li jsib xi ħadd igħinu fil-'home-work' tiegħu.

Għalhekk, tfal għeżież, ikun dan il-ħsieb li jgħix f'moħħkom tul ħajjitkom kollha illi fejn tistgħu tferrħu lil ħaddieħor qisu li tkunu minn ta' l-ewwel. B'hekk mhux biss tiġbdu fuqkom l-imħabba t'Alla iżda wkoll tkunu ferm maħbubin min-nies.

POETA MALTI JISSEMMA BARRA

Erba' poeżiji tal-poeta żagħżugħ Ġorġ Borg minn Ħal Balzan għadhom kemm dehru f'antoloġija ġdida ta' poeżiji Ingliżi "A Garland of Poetry" imxandra mill-Poetry Press Limited ta' Buckinghamshire, fl-Ingilterra. L-erba' poeżiji huma 'Meditation', 'For you and for me', 'For you', u 'The Flower', li kienu dehru bil-Malti f'kotba u rivisti letterarji.

Borg ippubblika l-aħħar ktieb tiegħu ta' poeżiji — "L-Ilma tal-Wied" — fl-1973, u huwa wkoll l-awtur tat-traduzzjoni "Ir-Razzett tal-Bhejjem" ('Animal Farm') ta' George Orwell ippubblikat mill-Klabb Kotba Maltin. Huwa wkoll ko-awtur tal-ktieb ta' poeżiji "Dħaħen -Imħuħ."

Aħna nifirħu lill-ħabib tagħna s-Sur Ġorġ Borg u nawgurawlu suċċessi akbar għall-ġejjieni.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Għal darb'oħra wasalna għal kompetizzjoni oħra għalikom. Din id-darba hejjejnielkom xi mistoqsijiet li intom tridu twieġbu. Dawn il-mistoqsijiet kollha għandhom x'jaqsmu mal-Knisja Parrokkjali tagħna. Għalhekk biex intom twieġbu dawn il-mistoqsijiet tajjeb, kull ma għandkom tagħmlu huwa li kull meta tidħlu fil-Knisja Parrokkjali tosservaw dak kollu li intom taraw. Jekk tagħmlu dan ibqgħu żgur li taslu biex tweġbuhom tajjeb.

Il-mistoqsijiet huma dawn:

1. **F'liema sena beda l-bini tal-Knisja Parrokkjali tagħna?**
2. **X'forma għandha l-Knisja Parrokkjali tagħna?**
3. **Kemm-il sagristija hemm?**
4. **X'inhuwa t-titular tal-Parroċċa tagħna?**
5. **Kemm-il artal hemm, minbarra l-mejda li jqaddsu fuqha kuljum?**
6. **Semmi tlieta mill-kwadri li hemm fuq l-artali, minbarra dak tat-titular.**

Bħas-soltu, ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt 30 ta' Novembru 1974.

Ir-rebbieħ ta' l-aħħar kompetizzjoni ta' dawk il-bċejjeċ li bihom kellkom tiffurmaw id-disinn ta' ċinja, huwa Mario Deguara, li joqgħod 93, Wied Ħal Balzan, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

IL-MILIED IT-TAJJEB LIL KULĦADD

SITT WIĠIJIET

FIR-RAĦAL TA ĦAL BALZAN, L-ISEM TA' LONZU JEW LONZA NSIBUH TA' SPISS, U VALENT JEW VALENTA NILTAQGĦU MIEGĦU TA' SIKWIT; IŻDA DAK TA' WIĠI NSIBUH BĦALA TA' RAĠEL BISS, U MINN DAWN NAGĦŻLU SITTA LI XI FTIT JEW WISQ IFAKKRUNA KIF KIEN IR-RAĦAL FL-ANTIK.

minn **CAMILLO TORTELL**

Nibdew biex insemmu lis-Surmast Wiġi Briffa; kulħadd kien jafu u tista' tgħid illi l-maġġor parti tan-nies ġo Ħal Balzan għaddiet minn taħt idejh fl-iskola tal-Gvern, għaliex ftit huma dawk li ma kenux fil-klassi tas-Sur Briffa, Wiġi. Fl-Edukazzjoni, dan il-persunaġġ kien imsemmi għall-matematika. Kien bniedem dħuli, u jaf jieħu paċenzja bit-tfal żgħar, u kellu sengħa kbira fil-qasam tat-tagħlim in ġenerali. Is-Sur Wiġi Briffa ma ilux li ħalliena għall-ħajja ta' dejjem, u għalhekk huwa tajjeb li wieħed jiftakar fih, għaliex f'ħafna mill-kbar tal-lum huwa ħalla ħafna ġid kulturali.

Issa niġu għal bniedem ieħor li kien jismu Wiġi wkoll. Dan kien is-Sur Wiġi Ebejer, bin il-magħruf mgħallem Piju. Wiġi Ebejer, kif konna nafuh dak iż-żmien, kien impjegat bħala 'Foreman' mal-Gvern. Wiġi Ebejer kien iz-ziju tal-magħruf artist is-Sur Gabriel Caruana. Il-'Foreman' Wiġ kien bniedem umli u l-qalb tajba tiegħu kienet tiġbed is-simpatija ta' kull min kien jafu.



TRIQ IDMEJDA int u sejjer lejn San Anton. Innota l-fanal li kien idawwal it-triq fi żmien meta ma kienx hawn dawl elettriku.

U hekk naslu għal Wiġi l-mastrudaxxa. Is-Sur Wiġ Pirotta kien wieħed mill-imgħallmin ta' dak iż-żmien. Dan l-imgħallem kien fitt fil-kwalità ta' njam li kien juża; kien imsemmi għall-aperturi u ma jaħdimx biċċa njama jekk ma tkunx ilha għandu tinxef mill-inqas sena. L-imgħallem Wiġ, li kien joqgħod fi Triq it-Tliet Knejjes, min jaf kemm għallem apprentisti u għallimhom bir-reqqa u bil-kuxjenza illi min taħt idejh ħarġu ħafna mgħallmin tajbin. Meta Wiġi kien jixtri l-injam kont tara xi tliet karrettuni tal-bagħal mgħobbija b't-twavel u ġejjin wieħed wara l-ieħor għal għand Wiġi, u hawn l-imgħallem Wiġ erħilu jħott, jerfa' u jġorr għal ġewwa l-ħanut. Wiġi kellu veru qalbu tajba u kull min kien jafu kellu dejjem kelma tajba għalih.

Issa wasalna għal xogħol ta' ċerta importanza u dan ix-xogħol kien jagħmlu s-Sur Wiġi Grima, jekk niftakar tajjeb il-kunjom; dan il-bniedem kien Wiġi l-landier. Wiġi fi żmienu kien il-veru mgħallem, għaliex jekk fuq tlieta toqgħod il-borma, Wiġi ried ikun għal dawn it-tlieta; għaliex skond il-proverbju Malti, dawn it-tlieta kienu l-ftejjel tal-kuċiniera ta' bi tlieta u għal dawn it-tliet ftejjel Wiġi kien l-espert imħabba illi dak iż-żmien biex tiffittja l-ftila ġewwa din il-kuċiniera kienet veru biċċa xogħol ta' attenzjoni, u kważi tista' tgħid illi dak iż-żmien Wiġi l-landier biss kien jinqala' għaliha. Barra minn hekk, Wiġi kien ukoll dejjem lest biex jistanja t-toqob li kien ikun hemm fil-borom li dak iż-żmien kienu tal-landa jew taż-żingu, u għaldaqstant Wiġi kien iħabbatha ma' Wiġi ieħor, li kien Wiġi tal-Forn, biex l-ikel sata' jkun dejjem lest. Billi f'dak iż-żmien kien għad ma hawnx id-dawl elettriku, Wiġi kellu biċċa xogħol oħra importanti, u din kienet li jixgħel u jitfi l-fanali li allura kienu jixegħlu bil-pitrolju. Wieħed minn dawn il-fanali ta' dak iż-żmien jidher fir-ritratt fi Triq Idmejda inti u sejjer lejn San Anton. Jien għadni niftakar lil Wiġi għaddej mal-Bomm ta' l-Ave Marija bis-sellum fuq spallejh jimxi bil-qabża u jmur jixgħel dawn il-fanali wieħed wieħed. Wara dan ix-xogħol kollu, Wiġi ta' kull tant kont tarah ma' xi żewġt iħbieb oħra joħroġ bil-kitarra jdoqq fil-ħemda ta' fil-għaxija u jqabbel xi għanja, għax Wiġi kien famuż għat-tqabbil. L-għada fil-għodu kont tarġa' tara lil Wiġi għaddej bl-istess qabża iżda d'n id-darba mhux bis-sellum iżda b'qasba twila f'idejh; din il-qasba kienet tkun twila kemm kienu għolja l-fanali u kienet bl-egħkiesi mtaqqba biex kollha jinfdu. Wiġi kien ipoġġiha ma' ħalqu u t-tarf l-ieħor mal-fanal b'mod illi malli jonfoħ fiha l-fanal jintefa. Dan ix-xogħol Wiġi kien jibdieh mat-tbexbix ta' fil-għodu u malli kien ikun tefa l-fanali kollha arah jerġa' jmur bil-qabża lejn il-ħanut tax-xogħol tiegħu li kien fi triq dejqa ftit 'il fuq mill-grocer ta' Madlien. Din it-triq dejqa kien jisimha Strade Reale u kienet tgħaqqad il-pjazza tal-Knisja ma' dik ta' fejn il-każin t'isfel, li llum nafuh bħal 'Marija Annunzjata Club'; iżda illum din it-triq lanqas għadha teżisti għaliex il-ħajt ta' fejn kien Wiġi l-landier u l-ħanut ta' Madlien tneħħa għal kollox u ż-żewġ pjazez saru pjazza waħda li llum issebbaħ raħal.

Wiġi ieħor kien Wiġi tal-Forn, dak li diġà semmejna ma' Wiġi l-landier. Is-Sur Wiġi Ellul kien Wiġi tal-forn; dan kellu l-forn tiegħu faċċata ta' Triq San Rokku, maġenb fejn kien il-ħanut tal-grocer ta' Toni. Wiġi tal-forn kien missier G a m m a r i tal-ħobż tal-lum. Wiġi kien imsemmi għall-ħeffa tiegħu u l-imġieba tajba tiegħu biex jaqdi lil kulħadd, u ma għandniex xi ngħidu għall-ħobż tajjeb ma kien jagħmillu ħadd xejn.

Fl-aħħar wasalna għal Wiġi l-iskultur, u b'dan nagħlqu n-nofs tużżana Wiġijiet. Is-Sur Wiġ Muscat, magħruf bħala Wiġi l-iskultur, tgħallem taħt id-direzzjoni tal-magħruf pittur Ġużeppi Cali'. Fil-kors tat-tagħlim tiegħu huwa kien tant jipprometti li l-imgħallem tiegħu kien tant kuntent bih. F'Wiġi għandna mhux biss raġel tas-sengħa, imma artist ta' kapaċità kbira, f'kelma oħra statwarju famuż. L-istudju tiegħu kien fi Triq il-Kbira, ftit 'il fuq min-niċċa tal-Madonna tar-Rummiena int u tiela' man-naħa tal-lemin. Sa ftit tas-snin ilu dan l-istudju kien għadu jeżisti u kien jintuża bħala garaxx, iżda minn ftit taż-żmien 'il hawn dan twaqqa' biex f'postu u fil-ġnien ta' madwaru jitilgħu dawk il-flats li jġibu l-isem "Tal-Providenza Mansions".

ta' San Pawl, xogħol ta' Wiġi l-iskultur. Ma jistax ma jammirax ix-xogħol delikat ta' dan l-iskultur Balzani meta wieħed isib ruħu quddiem il-Madonna ta' l-Abbandunati li qiegħda ma' Villa Macedonia, fejn illum joqgħod in-Nobbli Frans Manduca Piscopo Macedonia. Din l-istatwa, li kien ikkummissjonahielu l-mejjet Nobbli Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt, hi magħmula bi preċiżjoni u b'reqqa kbira. Hi statwa perfetta ġo niċċa sabiħa li żżejjen il-kantuniera fejn tinsab. Ftit 'il bogħod minn din in-niċċa jinsab il-kunvent tal-Bon Pastur. Meta wieħed jidħol fil-knisja ħelwa ta' dan il-kunvent jara erba' anġli fil-pilastri maġġuri li huma xogħol ta' dal-magħruf skultur.

Barra minn Ħal Balzan, wieħed jista' jara x-xogħol tiegħu fiċ-ċimiterju ta' Ħal Lija, u fil-knisja tat-Tereżjani ta' Birkirkara. Ġo Birkirkara



In-niċċa bl-istatwa tal-MADONNA TA' L-ABBANDUNATI, fil-kantuniera ta' bejn Triq Sisner u Triq San Valentinu. Din l-istatwa artist'ka, xogħol l-iskultur Wiġi, inħadmet fuq il-pittura ta' Stefano Erardi li tinsab fil-knisja tal-K o n t i Manduca fil-Wardija.

F'dan l-istudju lil Wiġi kont tarah kollu attent fuq ix-xogħol artistiku tiegħu fejn kien ikun dejjem imdawwar b'xi biċċiet tal-ġebel kbar, xi biċċiet oħra maħżuża u xi statwa li għad mhix lesta, iżda f'idejh kont tarah b'xi basso riljev tal-Qalb ta' Ġesù li jkun għoddu lest u hemm kont tista' tapprezza l-arti ta' Wiġi meta jkun wasal fit-truf ta' dik l-opra. Wiġi kien ta' ftit diskors, iżda meta kien jara lil min jinteressa ruħu kien jitbissem u jgħidlu li dik dalwaqt tkun lesta. Kif kien iġibha dik it-tbissima tal-Qalb ta' Ġesù, jew l-għajnejn ta' wiċċ id-Duluri, jew il-ħarsa ta' xi anġlu ferħan? Wiġi kien imsemmi għall-espressjoni tal-wiċċ; u x'ikun jonqsu l-iskultur meta x-xofftejn ikun jonqoshom jitkellmu?

Wiġi l-iskultur ta' Ħal Balzan għandu ħafna mill-opri tiegħu mxerrdin ma' l-erbat irjieħ ta' Malta. Minix se nsemmi l-opri kollha ta' Wiġi l-iskultur Balzani. Ġo Ħal Balzan biss wieħed jista' jammira xi whud mill-opri tiegħu. Ħafna huma dawk li huma w sejrin il-knisja jistgħu jaraw alto riljev tal-Madonna bil-Bambin li qiegħda mwaħħla mal-bieb tas-sagristija. Alto riljev ieħor tal-Qalb ta' Ġesù jinsab imwaħħal mal-ħajt ta' dar privata n-naħa ta' fuq ta' Triq il-Kbira. Fuq il-bieb tas-sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija hemm niċċa u ġo fiha hemm l-istatwa wkoll insibu żewġ statwi ta' Sant'Elena li jinsabu fuq bjut ta' djar privati. Insibu xogħol minn tiegħu ġol-Belt Valletta, ġo Tas-Sliema fil-knisja tas-Sagro Kor, ġol-Marsa, Ħal Għaxaq, Ħad-Dingli, u f'irħula oħrajn. Ma nistax ma nsemmix statwa li rnexxietlu tassew u li ta' min jammiraha għax-xogħol artistiku tagħha. Din hija l-istatwa ta' Sant'Andrija li tinsab f'Ħal Luqa. Ta' min isemmi wkoll l-istatwa ta' Ġesù b'idejh miftuħa qisu qed jilqa' lil kull min jidħol hemm li tinsab fiċ-ċimiterju tan-Naxxar. Xi xogħlijiet oħra tiegħu jinsabu wkoll fil-Greċja u fl-Ingilterra.

Dan l-iskultur Balzani kienha żewġ medalji, waħda tal-fidda u oħra tal-bronż, f'esibizzjoni li saret ġo Londra fl-1924. Din kenet il-'British Empire Exhibition'. Ix-xogħlijiet li kien esibixxa kienu tlieta: basso riljev tal-Bon Pastur qed iħabbat bieb, statwa li tirrappreżenta r-Rebbiegħa, u statwa oħra ta' mara nuda mimduda, sabiex jispjega l-anatomija tal-figura. Reċentement xi whud mix-xogħlijiet tiegħu ġew stmati ferm minn xi persuni li xtaqu jakkwistawhom. Wiġi l-iskultur waqaf mill-ħidma artistika tiegħu meta Alla l-Imbierek għoġbu jsejjaħlu għal għandu. Wiġi ma għadux hawn, iżda warajh ħalla ħafna opri li jagħmlu ġieħ lilu, lil Ħal Balzan raħal twelidu, u lil Malta.

MUNDLOS - Vigorelli

L-AKTAR MAKNA TAL-HJATA AVVANZATA F'DIN ID-DINJA MODERNA

- AĠĠORN SINGLU U DOPPJU

Barra l-pont tas-soltu din il-makna tagħmel ukoll:

- VARJETA' TA' FANCY STITCHES SA 17mm WIESGĦA
- TISWIJA BIL-MILI AWTOMATIKA
- IRFINAR PERFETT ANKE FUQ IS-SUF
- KULL DAQS TA' AĊĊETTI
- TWAHHIL TA' BUTTUNI
- ZIG-ZAG + REFKI
- XOGĦOL FUQ IL-LAZZ

Ara dawn il-makni meraviljużi għand:

MUNDLOS SEWING CENTRE
114, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA.